# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 30**

**Citaz. Nru. 816/01GV**

**J. & E. Griscti Ltd.**

**vs**

**Priceclub Operators Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' sebat elef, tmien mija u sbattax il-lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm7,817.25) prezz ta' merci konsistenti f'affarijiet ta' l-ikel ("*foodstuffs*") lilha mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici.

Premess illi s-socjeta' konvenuta nonostante l-fatt li giet diversi drabi nterpellata thallas naqset.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) u in vista tal-affidavit ta' John Grixti (Dok. A):-

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, tmien mija u sbatax il-lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm7,817.25) fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 2001, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha rriduciet l-ammont mitlub ghal-sebat elef. tnejn u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm7,032.88); Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif ridotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta t-talba kif ridotta ghall-ammont ta' sebat elef. tnejn u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm7,032.88) tirrizulta pruvata; Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta ghall-ammont ta' sebat elef, tnejn u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmi (Lm7,032.88) bl-imghaxijiet mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**